

CRPD

## X'inhi l-EU Disability Card?

L-EU Disability Card turi li d-diżabilità tiegħek hija ċertifikata f'Malta u tintitolak għal benefiċċji offruti lil persuni b'diżabilità minn numru ta' organizzazzjonijiet f'kull wieħed mit-tmien pajjiżi li qed jipparteċipaw, inkluża Malta.

## Liema huma l-benefiċċji?

Biex tkun taf liema huma l-benefiċċji offruti f'Malta żur il-websajt **www.eudisabilitycard.org.mt**. Għall-benefiċċji fis-seba' stati membri l-oħra żur il-websajt tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea: *EU Disability Card*.

## Kif nista' napplika għall-EU Disability Card?

Applika billi żżur il-websajt: **www.eudisabilitycard.org.mt/card/apply** jew inkella tniżżel l-applikazzjoni mill-websajt tas-CRPD (**crpd.org.mt**), timlieha u tibgħatha bil-posta. Għal aktar għajnuna tista' tagħmel kuntatt mal-uffiċċji tas-CRPD: **2278 8555** jew **helpdesk@crpd.org.mt**

## Kif napplika biex bħala organizzazzjoni noffri benefiċċji lil min ikollu l-EU Disability Card?

Applika billi żżur il-websajt: **www.eudisabilitycard.org.mt/register-organisation/** jew inkella ibgħat email fuq **eucard@crpd.org.mt**

## Liema huma l-pajjiżi f'din l-inizjattiva?

Il-pajjiżi li qed jipparteċipaw huma l-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Fillandja, l-Italja, Malta, is-Slovenja u r-Rumanija.

### Fl-2015, il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) bdiet timplimenta l-proġett 'EU Disability Card in Malta'. Il-proġett huwa kofinanzjat mill-Programm dwar id-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea.

L-EU Disability Card qed tiġi introdotta fi tmien stati membri, kollha permezz tal-proġett partikolari tagħhom u kofinanzjati mill-Programm dwar id-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza. Il-benefiċċji offruti fit-tmien stati membri jvarjaw skont il-pajjiż.

Il-card tinkludi l-isem, il-kunjom, id-data tat-twelid tad-detentur, in-numru tas-serje u d-data ta' meta teskadi, kif ukoll ritratt tad-detentur tal-card. Tinkludi wkoll karatteristiċi ta' sigurtà u l-inizjali tal-istat membru li jkun ħareġ il-card. Il-card fiha wkoll il-kliem 'EU Disability Card' stampati bil-braille.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) jekk jogħġbok żur il-websajt prinċipali tas-CRPD: **www.crpd.org.mt**.

Dan il-fuljett hu parti mill-proġett il-Karta tad-Diżabilità tal-Unjoni Ewropea f'Malta. Dan il-proġett għandu support finanzjarju mill-Programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea 2014-2020. Għal iktar informazzjoni tista żżur: http://ec.europa.eu/justice/grants1/programmes-2014-2020/rec/index_en.htm
L-infomazzjoni f'dan il-fuljett mhux neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni uffiċċjali tal-Kummissjoni Ewropea.



# EU DISABILITY CARD

CRPD




**CRPD** Buġeia Institute, Braille Street
Santa Venera, SVR 1619, Malta | **Email:** helpdesk@crpd.org.mt

**GOZO** CRPD Helpdesk, Sannat Primary School
Sannat Road, Sannat, Gozo

**www.crpd.org.mt**



CRPD

## What is the EU Disability Card?

The EU Disability Card shows that you have a certified disability status in Malta and entitles you to access benefits offered by various organisations to people with disabilities in each of the eight participating Member States, including Malta.

## Which benefits are provided?

For information about the benefits provided for EU Disability Card holders in Malta please visit the website **www.eudisabilitycard.org.mt**.
For information about the benefits provided for EU Disability Card holders in the other participating countries please visit the European Commission's EU Disability Card webpage.

## How can I get my EU Disability Card?

You may visit the website: **www.eudisabilitycard.org.mt/card/apply** or download the application form from the CRPD website (**crpd.org.mt**), fill it in and send by post. For any other assistance you may contact the CRPD offices on **2278 8555** or **helpdesk@crpd.org.mt**

## How can my organization apply to offer benefits to EU Disability Card holders?

Apply by visiting the website **www.eudisabilitycard.org.mt/register-organisation/** or by sending an email to **eucard@crpd.org.mt**

## Which are the participating countries in this initiative?

The participating countries are Belgium, Cyprus, Estonia, Finland, Italy, Malta, Slovenia and Romania.

**In 2015, the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) started implementing the 'EU Disability Card in Malta' project, which is co-funded by the Rights, Equality and Citizenship Programme (REC) of the European Union.**

The EU Disability Card is being introduced in eight Member States, each through their own project and co-financed by the Rights, Equality and Citizenship Programme (REC). Please note that benefits vary between countries.

The card includes the name, surname and date of birth of the holder, a serial number and an expiry date, as well as the holder's passport photograph. It also includes certain security features and the initials of the member state issuing the card. The card also has 'EU Disability Card' printed in braille.

For more information about the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) you may visit the main CRPD website: **www.crpd.org.mt**.

This leaflet makes part of the EU Disability Card in Malta Project. This project has received financial support from the European Union Rights, Equality and Citizenship Programme 2014-2020. For further information please consult: http://ec.europa.eu/justice/grants1/programmes-2014-2020/rec/index_en.htm
The information contained in this website does not necessarily reflect the official position of the European Commission



# EU DISABILITY CARD

CRPD




**CRPD** Buġeia Institute, Braille Street
Santa Venera, SVR 1619, Malta | **Email:** helpdesk@crpd.org.mt

**GĦAWDEX** CRPD Helpdesk, Sannat Primary School
Sannat Road, Sannat, Gozo

**www.crpd.org.mt**